**124. L-Onor Ryan Callus MP, jipproponi:**

## Mozzjoni- Nipproteġu t-Tempji ta' Ħaġrat għal ġenerazzjonijiet futuri

Billi s-sit megalitiku tat-Tempji ta' Ħaġrat huwa rikonoxxut mill-UNESCO bħala Sit ta' Wirt Dinji, stmat li jmur lura għas-snin bejn 3600-3200 QK;

Billi aħna, ir-Rappreżentanti tal-Kamra tad-Deputati, għandna d-dmir u l-obbligu, kull wieħed u waħda minna, li nipproteġu u nissalvagwardjaw il-ġid komuni ta' pajjiżna, inkluż siti storiċi, minn kull żvilupp, li jista' joħnoq jew itellef l-istatus tagħhom mogħti mill-għaqda dinjija tal-UNESCO;

Billi l-Awtorità Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar ħarġet permess f'sit fi Triq San Pietru, l-Imġarr, Malta, fis-17 ta' Settembru 2013 li ser jippermetti żvilupp adjaċenti mat-tempji ta' Ħaġrat, ftit biss metri 'l bogħod, b'mod li ser joħnoq l-art li fadal li tissepara z-zona żviluppata mill-konfini tat-tempji ta' Ħaġrat;

Billi tali permess ser jippermetti żvilupp fiċ-ċentru tal-*buffer zone,* intenzjonat proprju sabiex tiġi preservata z-zona fl-immedjat tat-tempji;

Billi t-talba tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr għar-rikonsiderazzjoni u revoka tal-permess ġiet miċħuda mit-Tribunal tal-Appell tal-Ambjent u l-Ippjanar nhar il-Ħamis, 3 ta' April 2014;

Billi fl-2008, applikazzjoni għall-żvilupp ieħor fuq 1-istess art kienet diġà ġiet rifjutata mill-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar, fuq parir tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali;

Billi lura fl-2009, il-Gvern tal-ġurnata kien, fuq talba ta' Heritage Malta u s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, espropja żewġ biċċiet art, minkejja li fuqhom kien inħareġ permess għal żvilupp biswit l-imsemmija tempji;

Għaldaqstant, il-Kamra tar-Rappreżentanti tipproponi li, sabiex pajjiżna jonora r-responsabbiltajiet tiegħu taħt il-Konvenzjoni tal-Wirt Dinji tal-UNESCO tal-1972, l-art in kwistjoni tiġi esproprjata mid-Dipartiment tal-Artijiet billi jingħata kumpens lill-propjetarji, f'dan il-każ ċar fejn għandu jipprevali l-iskop pubbliku, sabiex tiġi salvagwardjata l-identità tat-tempji megalitiċi ta' Ħaġrat għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

23.04.14